**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 9 t' Ottubru 2024**

**Rikors Numru: 180/2024 MLF**

**Wara l-ittra Ufficjali Numru 921/2024 ipprezentata fis-26 ta' Lulju 2024 fl-ismijiet:**

**DHL International Limited**

**vs**

**Portem Employment Services Ltd**
**Mark Anthony Portelli**

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ta' Mark Anthony Portelli fejn ippremetta:

    1. Illi dan ir-rikors qed isir a tenur tal-Artikolu 166A(5) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, peress li l-ittra ufficcjali appena msemmija ma tissodisfax ir-rekwiziti tal-Art. 166A(1) (2) jew (3) tal-istess Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan kif ser jirrizulta mis-segwenti u waqt is-smigh tar-rikors odjern.

    2. Illi fis-26 ta' April 2024, is-socjeta DHL International Limited (C-6576) ipprocediet fil-konfront kemm tas-socjeta Portem Employment Services Ltd (C-84636) u kemm ta' Mark Anthony Portelli (KI.0535880M) b'ittra ufficjali Nru 921/2024 ai termini tal-Art. 166A tal-Kap12 tal-Ligijiet ta' Malta, Dok MRC1

anness u mmarkat, fejn hija kienet qed tippretendi hlas ta' €889.23 rapprezentanti servizzi allegatament prestati lill-istess konvenuti.

3. Illi din l-ittra ufficjali ma gietx notifikata lis-socjeta Portem Employment Services Ltd (C-6576) izda fit-2 ta' Mejju 2024 gie notifikat Mark Anthony Portelli (KI 0535880M) bl-istess ittra ufficjali

4. Illi b'hekk fl-24 ta' Gunju 2024, DHL International Limited (C-6576) ipprocediet sabiex tottjeni titolu ezekuttiv fil-konfront ta' Mark Anthony Portelli (KI 0535880) u fil-21 t'Awwissu 2024 ipprezentat Mandat ta' Sekwestru ezekuttiv Nru 1654/2024 fl-ismijiet DHL International Limited (C-6576) vs Mark Anthony Portelli (KI 0535880M) ghas-sorte vantant bl-ittra ufficjali surreferita flimkien mal-imghaxijiet u spejjez relattivi fl-ammont globali ta' €1,148.30, Dok MRC 2 anness u mmarkat.

5. Illi madankollu l-ittra ufficjali premessa ma tirrispettax il-formola preskritta fl-Art. 166A u hija nieqsa mill-htigijiet stipulati fis-subartikoli (1) u (2) jew (3) tal-istess artikolu kif irid l-istess artikolu.

6. Illi t-twissija riprodotta fl-ittra ufficjali in kwistjoni taqra testwalment li:

   '*Din l-ittra ufficjali qed tintbghat taht l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u jekk ma twegibx fi zmien tletin (30) jum, din issir titolu ezekuttiv. Ghalhekk huwa fl-interess tieghek li tkellem avukat jew prokuratur legali'*

7. Illi fl-ahhar parti tal-ittra, jinqara wkoll testwalment li '*Jekk dan id-debitu ma jigix oppost fi zmien tletin jum permezz tal-prezentata ta' nota fl-atti ta' din l-ittra ufficjali, l-istess debitu isir titolu ezzekuttiv'*

8. Illi madanakollu dan m'huwiex bizzejjed sabiex jissodisfa l-forma mehtiega li skond l-Art 166A ghandu jkun fiha:

   '... ... taht piena ta' nullita intimazzjoni lid-debitur li jekk huwa ma jwegibx fi zmien tletin jum mindu jigi notifikat bl-imsemmija ittra ufficjali billi jipprezenta

nota fl-atti ta' dik l-ittra ufficjali li fiha tigi respinta t-talba u li tista tigi ffirmata u pprezentata fil-Qorti mid-debitur stess minghajr il-htiega ta' firma ta' Avukat jew Prokuratur Legali, dik l-ittra ufficjali tkun tikkostitwixxi titolu ezekuttiv.'

9. Illi jirrizulta li l-ittra ufficjali premessa ma kienx fiha spjegazzjoni li d-debitur jista' jipprezenta n-nota ta' oppozizzjoni hu stess fir-registru minghajr il-htiega ta' Avukat jew Prokuratur Legali.

10. Anzi, l-avviz ta' fuq jidderigi lid-debitur sabiex ikellem Avukat jew Prokuratur Legali, meta fil-fatt, dan m'huwiex mehtieg in kwantu l-ittra ufficjali setghet tigi opposta minnu stess.

11. Illi ghalhekk jezistu l-elementi ravvizati fl-Art. 166A(5) sabiex it-titolu ezekuttiv ottjenut permezz tal-ittra ufficjali premessa jigi rexiss u ddikjarat null u bla ebda effett.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, u kif ser jirrizulta mill-provi, ir-rikorrent talab lil din il-Qorti sabiex, prevja kwasijasi dikjarazzjoni jew provvediment li jidrilha xieraq u opportun, joghgobha:

i. Tappunta dan ir-rikors ghas-smigh skond il-ligi

ii. Thassar u tirrevoka, u tiddikjara null u bla effett it-titolu ezekuttiv fuq imsemmi, ossia dak ottenut fil-konfront tar-rikorrent Mark Anthony Portelli (KI 0535880M), permezz tal-Ittra Ufficjali Nru 921/2024 fl-ismijiet DHL International Limited (C-6576) vs Portem Employment Services Ltd (C-84636) et u dan a tenur tal-Artikolu 166A (5)(2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

iii. Konsegwentement tawtorizza l-hrug tal-kontro mandat ghall-mandat ta' sekwestru fuq imsemmi ossia Nru 1654/2024 fl-ismijiet DHL International Limited (C-6576) vs Mark Anthony Portelli (KI 0535880M)

Bl-ispejjez u b'riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lir-rikorrenti skond il-ligi.

2. Rat ir-risposta ta' DHL International Limited (C-6576) fejn ippremettiet:

Illi t-talba proposta mill-intimat debitur hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda ghas-segwenti ragunijiet:

1. Illi l-pregudizzjali lamentat mill-intimat debitur fir-rikors odjern gie kkunsidrat mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-provvediment fl-ismijiet Ryan Schembri vs Sprachcaffe Company Limited (dec. 12/04/2024) (Annessa bhala Dok. A) fejn it-talba ghar-revoka tat-titolu ezekuttiv u l-mandat bazati fuq raguni identika giet michuda. Il-Qorti ikkonkludiet is-segwenti:

"17. *Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti mhux tal-opinjoni illi l-ittra ufficjali intavolata mill-kreditur noe fil-kaz odjern ghandha tigi dikjarata nulla. Dan stante illi:*

*a) L-intimazzjoni illi giet stampata fuqha hija ai termini tar-Regolament 2 tal-L.S. 12.22 u cioe f'forma illi tohrog minn provvediment tal-ligi;*

*b) L-intimazzjoni tinterpella lis-socjeta debitrici sabiex tfittex ghajnuna legali;*

*c) L-intimazzjoni tinformaha illi l-ittra qed tintbghat ai termini tal-Artikolu 166A;*

*d) L-intimazzjoni tinformaha illi ghandha zmien ta' tletin (30) jum sabiex twiegeb ghall-pretensjoni tal-kreditur noe, u*

*e) l-intimazzjoni tinformaha wkoll illi, fin-nuqqas illi tirrispondi, il-kreditur noe jottjeni titolu ezekuttiv.*

*Dawn fil-fehma tal-Qorti, huma r-rekwiziti illi jehtieg jissussistu sabiex ma jigux pregudikati d-drittijiet ta' debitur illi fil-konfront tieghu tigi avvanzata pretensjoni ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u l-fatt illi gew inkluzi kollha fl-intimazzjoni huwa, fl-opinjoni tal-Qorti, sufficjenti sabiex jirrendu l-ittra ufficjali valida fit-terminu tal-ligi;*

18. *Konsegwentament, din il-Qorti sejra tghaddi sabiex tichad it-talbiet rikorrenti."*

Is-socjeta intimata taghmel taghha l-insenjament fl-imsemmija sentenza u jistriehu fuqu in kwantu ta' sottomissjonijiet.

2. Illi *multo magis* f'dan il-kaz, ghandu jinghad li l-intimat debitur fil-fatt irrikorra ghall-assistenza legali appena gie notifikati bl-ittra ufficjali *de quo*, izda ghal xi raguni li jaf hu, minflok ma ntavola n-nota ta' oppozizzjoni preskritta fil-ligi, intavola ittra ufficjali responsiva (annessa bhala Dok B) fejn fiha gew imressqa biss allegazzjonijiet fiergha li l-intimat Mark Anthony Portelli huwa estranju ghad-dejn u li s-servizz prestat mill-esponenti ma kienx joghgbu. Jigifieri li llum jigi jghid li gie sorprendut u li d-dirtt ta' difiza tieghu gie menomat ma hija xejn hlief hrafa intiza biex tqarraq. Dan qed jinghad ghax il-Qorti trid tevalwa ukoll il-fatti partikolari ta' dan il-kaz.

3. lli din il-Qorti ghandha tifhem li dan huwa biss attentat fqir minn naha tal-intimat debitur li jevita li jhallas ghal servizz debitament prestat u li jeludi l-gustizzja. Tfittxija mill-iktar brevi fir-registru tal-Qorti turi li s-socjeta intimata hija biss wiehed minn lista biblika ta' kredituri li prestaw servizzi lill-intimati debitur u kumpaniji tieghu f'oqsma varji imma baqghu b'xiber imnieher meta wasal il-mument tal-hlas.

3. Rat id-dokumenti u l-atti kollha ipprezentati.

4. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

5. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma riepilogati fir-rikors promotur, u a skans ta' ripetizzjoni inutli, il-Qorti qed taghmel riferenza ghal dak li inghad f'dan ir-rikors ghal fini biss tal-fatti mertu ta' dawn il-proceduri.

6. Kif sewwa osservat is-socjeta intimata fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu ir-rikorrent jissoleva pregudizzjali gdid li ma giex imsemmi fir-rikors promotur. Dan il-pregudizzjali gdid huwa fis-sens li skond hu, il-fatt li mal-ittra

ufficjali gie anness *statement of account* u mhux *invoice* ifisser li d-debitu mhuwiex cert, dovut u likwidu ai termini tal-ligi. Certament mhux konsentit li parti tissolleva talbiet u/jew eccezzjonijiet godda fis-sottomissjonijiet finali, meta dawn ma jkunux gew inkluzi fl-att promotur jew ir-risposta inizzjali minghajr id-debitu permess tal-Qorti. Fil-kaz odjern, ir-rikorrent ma' talab l-ebda permess sabiex jemenda ir-rikors promotur, u ghaldaqstant, il-Qorti mhux ser tiehu konjizzjoni ta' din il-pregudizzjali gdida sollevata fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu.

7. It-twissija fl-ittra ufficjali in kwisjoni jghid hekk:

*"Din l-ittra ufficjali qed tintbaghat taht l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u jekk ma twegibx fi zmien tletin (30) jum din issir titolu ezekuttiv. Ghalhekk huwa fl-interess tieghek li tkellem avukat jew prokuratur legali. ... ...*

*Illi jekk dan id-debitu ma jigix oppost fi zmien tletin jum permezz tal-prezentata ta' nota fl-atti ta' din l-ittra ufficjali, l-istess debitu jsir titolu ezekuttiv."*

8. It-twissija fl-ewwel paragrafu ta' din l-ittra ufficjali tirriproduci *verbatim* it-twissija li skond Regolament 2 tal-Ligi Sussidjarja 12.22 ghandu jkun fiha l-ittra ufficjali. Din il-Ligi Sussidjarja saret bis-sahha tal-Artikolu 166A(2) tal-Kodici ta' Procedura Civili.

9. Min-naha l-ohra r-rikorrent qed jissottometti li t-twissija li kellha tintuza kienet dik preskritta fl-Artikolu 166A(3) tal-Kodici ta' Procedura Civili li jippreskrivi hekk:

*"L-ittra uffiċjali għandu wkoll ikun fiha taħt piena ta' nullità intimazzjoni lid-debitur li jekk huwa ma jweġibx fi żmien tletin jum mindu jiġi notifikat bl-imsemmija ittra uffiċjali billi jippreżenta nota fl-atti ta' dik l-ittra uffiċjali li fiha tiġi respinta t-talba u li tista' tiġi ffirmata u ppreżentata fil-qorti mid-debitur stess mingħajr il-ħtieġa ta' firma ta' Avukat jew Prokuratur Legali, dik l-ittra uffiċjali tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv:"*

10. Ir-rikorrent jissottometti li l-ittra ufficjali hija nulla stante li ma fihiex spjegazzjoni li d-debitur jista' jipprezenta nota ta' opposizzjoni hu stess fir-registru minghajr il-htiega ta' avukat jew prokuratur legali. Minflok it-twissija fl-ittra ufficjali odjerna tidderigi lir-

rikorrent sabiex ikellem avukat jew prokuratur legali, meta fil-fatt dan m'huwiex mehtieg in kwantu l-ittra ufficjali setghet tigi opposta minnu stess.

11. In-nuqqas ta' konsistenza bejn l-Artikolu 166A(3) tal-Kodici ta' Procedura Civili u l-Ligi Sussidjarja 12.22 qed tati lok ghal diversi ilmenti identici ghal dak odjern, jew bil-maqlub, fejn tintuza it-twissija preskritta fl-Artikolu 166A(3) u mhux dik stabbilita fil-Ligi Sussidjarja. Din il-Qorti hija wkoll konxja li s-sentenzi ta' dawn il-Qrati fuq din il-materja mhix wahda pacifika.

12. Din il-Qorti kif preseduta diga kellha okkazzjoni tesprimi l-opinjoni taghha fir-rigward fil-provvediment fl-ismijiet **Charles Bianco nomine vs Clayton Sciberras** deciza fl-1 ta' Ottubru 2021, fejn l-ilment kien l-oppost ghal dak l-odjern, u cioe fejn l-ittra ufficjali uzat it-twissija preskirtta fl-Artikolu 166A(3) u r-rikorrent f'dawk il-proceduri issottometta li kellha tintuza it-twissija stabbilita fil-Ligi Sussidjarja. Il-Qorti se ticcita estentivament minn dan il-provvediment:

*"28. Kif sewwa rrilevat is-socjeta intimata fir-risposta taghha, jidher li meta l-Ministru responsabbli ghall-Gustizzja abbozza dan l-avviz legali nesa li l-Parlament, u cioe l-legislatur, kien diga ippreskriva d-dicitura tat-twissija fl-Artikolu 166A(3), u stabilixxa avviz b'dicitura differenti fl-avviz legali, li hi ligi sussidjarja.*

*29. Issa hu principju ben assodat fil-kazistika tal-Qrati taghna li ligi sussidjarja ma tistax tkun konfliggenti mal-ligi principali. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs George Pace** deciza fil-15 ta' Mejju 1937, il-Qorti tal-Appell Kriminali[1] irriteniet hekk:*

*"Huwa elementari illi r-regolament mahrug mill-poter ezekuttiv bis-sahha tal-ligi li awtorizzat li jaghmel dak ir-regolament ma jistax johrog barra mil-limiti tal-istess ligi, u ma jistax jikkontradici ghal-ligi stess, tant illi lill-Qorti gie dejjem rikonoxxut il-jedd li jezaminaw jekk regolament mahrug bis-sahha ta' ligi hix "intra" jew "ultra vires".[2]*

[1] *Per* Imhallef William Harding Vol. XXIX-IV-697.
[2] Ara wkoll fl-istess sens **Il-Pulizija vs John Lyons** deciza fit-18 t'Ottubru 1948 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (*per* Imhallef William Harding) Vol. XXX-IV-697).

30. *Sentenza ohra b'fatti speci analogi ghal dik tal-kaz odjern hija* ***Il-Pulizija vs Ganni Vassallo*** *deciza fit-28 ta' Gunju 1952 mill-Qorti tal-Appell Kriminali*[3]*, fejn gie ritenut li meta l-ligi tati s-setgha lil awtorita amministrattiva, f'dak il-kaz il-Gvernatur, li taghmel regolament, din ma tistax tigi interpretata fis-sens "li tinkludi s-setgha li b'dawk ir-regolamenti tigi newtralizzata l-ligi principali ('enabling law'), billi b'regolament tigi kontemplata vjolazzjoni ga kontemplata fil-ligi u tigi maghmula soggetta ghal piena anqas. Il-vjolazzjonijiet kontemplati fir-regolamenti ghandhom jitqiesu li huma dawk li ma humiex gia 'expressis verbis' kontemplati fl-'enabling law'".*

31. *A bazi ta' dan l-insenjament, la darba il-Kodici ta' Procedura Civili ippreskriva fl-Artikolu 166A(3) id-dicitura tat-twissija lid-debitur li ghandha tigi inkluza fl-ittra ufficjali, il-Ministru responsabbli ghal Gustizzja ma setghax permezz ta' regolament (fl-Avviz Legali 278 tal-2005) jippreskrivi dicitura differenti tat-twissija li ghandha tigi inkluza fl-ittra ufficjali (anke jekk fl-opinjoni ta' din il-Qorti d-differenza fil-verita mhix wahda ta' sustanza). Huwa vera li l-Artikolu 166A(2) jaghti s-setgha lil Ministru tal-Gustizzja jippreskrivi l-forma tal-ittra ufficjali b'avviz legali. Pero ladarba id-dicitura tat-twissija lid-debitur hija expressis verbis preskritta fil-Kodici ta' Procedura Civili, u dan addirittura taht piena ta' nullita, il-Ministru ma setghax b'regolament jinnewtralizza l-ligi principali (il-Kodici ta' Procedura Civili) billi jippreskrivi dicitura tat-twissija b'termini differenti. Is-setgha moghtija mill-Kodici ta' Procedura Civili lill-Ministru sabiex jaghmel regolamenti dwar il-forma tal-ittra ufficjali, ghandha titqies li hu ghandu s-setgha li jippreskrivi rekwiziti dwar il-forma tal-ittra ufficjali, li m'humiex gia expressis verbis kontemplati mill-Kodici.*

32. *Konsegwentement, in kwantu d-dicitura tat-twissija lid-debitur kontenuta fl-Avviz Legali 278 tal-2005 (L.S. 12.22) mhix konformi mad-dicitura preskritta fl-Artikolu 166A(3) tal-Kodici tal-Procedura Civili, dik id-dicitura fl-Avviz Legali hija pro tanto ultra vires, u konsegwentement nulla u bla effett.*

[3] *Per* Imhallef William Harding Vol. XXXXVI-IV-787.

*33. Din il-Qorti hija konsapevoli li din l-intrepretazzjoni tal-ligi ma taqbilx ma' dik ta' sentenza ohra moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta, fejn gie ritenut li ghandha tapplika id-dicitura preskritta fl-Avviz Legali. Pero wara li qrat is-sentenza, din il-Qorti ma tara l-ebda raguni valida ghalfejn ghandha tbiddel l-opinjoni taghha kif fuq spjegata, apparti l-fatt li d-dicitura tat-twissija lid-debitur fl-ittra ufficjali meritu ta' dik is-sentenza kienet differenti mid-dicitura fl-ittra ufficjali meritu ta' din is-sentenza. In oltre f'dik is-sentenza, il-Qorti ma dahlitx fil-kwistjoni jekk ligi sussidjarja tistax tkun konfliggenti mal-ligi principali.*

*34. Fil-kaz odjern, id-dicitura tat-twissija lid-debitur tirrifletti fedelment dik preskritta taht piena ta' nullita fl-Artikolu 166A(3) tal-Kodici ta' Procedura Civili, u konsegwentement t-talba tar-rikorrent li l-ittra ufficjali ghandha tigi annullata ghax ma saritx skont il-forma stabbilita fl-Avviz Legali 278 tal-2005 qieghda tigi michuda.*

13. Dan il-provvidement ta' din il-Qorti kif preseduta fl-ismijiet **Charles Bianco nomine vs Clayton Sciberras** gie konfermat mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[4] b'sentenza moghtija fid-9 ta' Marzu 2022.

14. Effettivament il-provvediment fl-ismijiet **Christian Vella vs Charlene Grech Farrugia** moghti minn din il-Qorti fit-8 ta' Mejju 2024, li fil-prezent ghadu pendenti fl-appell, jiehu l-istess posizzjoni identika ghal dik mehuda minn din il-Qorti kif preseduta kif ukoll mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Charles Bianco nomine vs Clayton Sciberras**. Ovvjament din il-posizzjoni hija differenti minn dik mehuda mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Melita Limited vs Jody Pisani** deciza fit-22 ta' Settembru 2021 – u cioe qabel is-sentenza **Charles Bianco nomine vs Clayton Sciberras**. Min-naha l-ohra fil-provvediment fl-ismijiet **Ryan Schembri vs Sprachcaffe Company Limited** deciz fit-12 t'April 2024, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili[5] iccitat is-sentenza ta' **Charles Bianco nomine vs Clayton Sciberras** pero imbaghad hadet posizzjoni kuntrarja ghal dik tal-Qorti tal-Appell, minghajr ma spjegat fejn ma taqbilx ma dak li intqal mill-Qorti tal-Appell.

[4] *Per* Imhallef Lawrence Mintoff.
[5] *Per* Imhallef Audrey Demicoli.

15. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, is-socjeta intimata donna ticcita s-sentenza ta' **Charles Bianco vs Clayton Sciberras** in sostenn tat-tezi taghha, meta effettivament din is-sentenza tghid l-oppost ta' din it-tezi.

16. Pero din il-Qorti thossha fid-dmir ukoll li tirrileva li fis-sentenza **Mike Service Station vs Sam Charles Aquilina** deciza fl-1 ta' Marzu 2023, il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[6] hadet posizzjoni djametrikament opposta ghal dik li kienet hadet fis-sentenza **Charles Bianco nomine vs Clayton Sciberras**, u irriteniet li t-twissija li ghandha tintuza hija dik preskritta fl-Ligi Sussidjara 12.22, u mhux fl-Artikolu 166A(3), u dan minghajr lanqas ma saret riferenza ghas-sentenza **Charles Bianco nomine vs Clayton Sciberras**, u wisq inqas inghatat raguni ghalfejn qed tiddipartixxi minnha.

17. Din il-Qorti certament ma tistax tghid li din l-inkonsistenza fil-kazistika certament hija sitwazzjoni felici. Pero min-naha l-ohra bid-dovut rigward, tghid ukoll li s'issa ghadu ma inghad xejn, la f'sentenzi ohra u lanqas mis-socjeta intimata fil-kaz odjern, li jtiha raguni valida sabiex tirritjeni li l-posizzjoni li hija hadet fil-provvediment ta' **Charles Bianco nomine vs Clayton Sciberras** – li kif diga inghad giet konfermata mill-Qorti tal-Appell – ma kinietx wahda legalment korretta. Effettivament sentenzi u provvidmenti sussegwenti lanqas biss dahlu fil-kwistjoni jekk ligi sussidjarja tistax tkun konfliggenti mal-ligi principali.

18. Huwa vera li fil-kaz odjern hemm fattispecje partikolari, u cioe li r-rikorrent irrikorra ghand avukat appena gie notifikat bl-ittra ufficjali, izda ghal xi raguni li jaf hu, minflok ma ntavola n-nota ta' opposizzjoni preskritta fil-ligi, intavola ittra ufficjali risponsiva. Ghalhekk ir-rikorrent ma jistghax jghid li gie b'xi mod menomat fid-difiza tieghu.

19. In oltre, il-Qorti tirrileva li l-Artikolu 789(1) tal-Kodici ta' Procedura Civili jippreskrivi hekk:

*"(1) L-eċċezzjoni ta' nullità tal-atti ġudizzjarji tista' tingħata –*

*(a) jekk in-nullità hija iddikjarata mil-liġi espressament;*

*(b) jekk l-att jinħareġ minn qorti mhux kompetenti;*

[6] *Per* Imhallef Lawrence Mintoff.

(ċ) *jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi, ukoll jekk mhux taħt piena ta' nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet, lill-parti li titlob in-nullità, preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat;*

(d) *jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament meħtieġa mil-liġi."*

20. Il-kaz odjern huwa wiehed minn dawk il-kazijiet rari fejn in-nullita hija iddikjarata mil-ligi espressament. Fil-fatt l-Artikolu 166A(3) jibda biex jghid *"L-ittra uffiċjali għandu wkoll ikun fiha taħt piena ta' nullità intimazzjoni lid-debitur ... ..."* Ghaldaqstant, dan il-kaz jaqa' taht il-paragrafu (a) u mhux taht il-paragrafu (c) tal-Artikolu 789(1). Konsegwentement, il-Qorti ma tistax tiehu in konsiderazzjoni l-fatt li din il-vjolazzjoni fil-forma effettivament ma ikkreatx xi forma ta' pregudizzju lir-rikorrent, kif kienet ktun tista' taghmel likieku in-nullita ma kinietx iddikjarata mil-ligi espressament, u allura kien ikun applikabbli il-paragrafu (c).

21. B'rabta ma' dak li jinghad fl-Artikolu 789(1) tal-Kodici ta' Procedura Civili, il-proviso tal-istess subinciz mhix applikabbli fil-kaz odjern, stante li l-vjolazzjoni tal-forma ma tistax tissewwa taht xi disposizzjoni ohra tal-ligi.

22. Sfortunatament dan hu kaz klassiku ta' *dura lex sed lex*. Idejn din il-Qorti huma marbuta, u ma tistax tati rimedju lis-socjeta intimata f'dawn ic-cirkostanzi.

**Konkluzjoni**

23. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba tar-rikorrent, stante li din giet survolata;

2. Tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta intimata;

3. Konsegwentement tilqa' t-tieni talba u tiddikjara null u bla effett it-titolu ezekuttiv ottenut fil-konfront tar-rikorrent Mark Anthony Portelli, permezz tal-ittra ufficjali numru 921/2024 fl-ismijiet *"DHL International Limited vs Portem Employment Services Ltd et"* u dan ai termini tal-Artikolu 166A(5)(ii) tal-Kodici ta' Procedura Civili, Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Tilqa' it-tielet talba u tawtorizza l-hrug tal-kontro-mandat ghal mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru 1654/2024 fl-ismijiet *"DHL International Limited vs Mark Anthony Portelli."*

24. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-ispejjez in konnessjoni ma' dawn il-proceduri ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**